MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Numru. 1086/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**George Barbara**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi George Barbara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 94274(M);

Akkuzat talli:

Fix-xahar ta’ Novembru 2007 u fil-gimghat u x-xhur precedenti f’dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn

obbligi, ai termini tal-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentament ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’dokument mahsub ghal awtorita’ pubblika u cioè lid-Dipartiment tad-Dwana, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-Artikoli 188 u 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

F’isem il-Kontrollur tad-Dwana u qed jigi akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, bil-hsieb li jevadi xi dazju jew taxxa li kien imisshom jithallsu, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew issottometta dokument jew informazzjoni f’taghrif fid-dokument tad-Dwana SAD Reference No. 2007600729312 relatata ma’ Fattura bin-Numru 207BYFS1014 datata 22.10.2007, biex sussegwentament jkun jista’ jigi rilaxxat kontejner bin-numru IPXU 3361250, importat mic-Cina b’konsenja ta’ 45 Quad Bikes AV u 7 kaxxi Spare Parts, liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali;

B’dawn id-dokumenti xjentament ghamel dikjarazzjoni falza f’dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-Valur dikjarat kien ta’ Lm3,387, Dazju ta’ Importazzjoni u VAT mhallsa kien ta’ Lm339 u Lm671 rispettivament, meta fil-fatt il-Valur, id-Dazju ta’ Importazzjoni u l-Vat reali kellhom ikunu, Lm4,877 (€11,360.35), u Lm 488 (€1,136.73) u VAT Lm966 (€2,259.17) rispettivament.

B’hekk, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta’ Malta, huwa xjentament kellu b’xi mod x’jaqsam filli fil-qerq jinharab id-Dazju ta’ Importazzjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghall-€347 u €687 rispettivament.

Il-kontejner bil-merkanzija inkwistjoni gie importat f’Malta mic-Cina mal-vapur CMA CGM fil-15.11.2007 u rilaxxat

bid-dokument tad-Dwana TDID (Declaration) No. 2007600729312.

Dan bi ksur tal-artikoli:

a) 18, 62 (f) (g) (h) (i) (k) (m) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u l-Artikolu 18A tal-Att dwar Dazju ta' Importazzjoni Kap 337, tal-Ligijiet tad-Dwana.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi d-Dipartimenti tad-Dwana u tal-Vat irtiraw l-akkuzi taht l-Ordinanza tad-Dwana taht il-Kap 37, il-Kap 337 u l-Kap 406.

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja.

Illi rat l-ezami tal-imputat fejn irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih taht l-Artikoli 183, 184 u 188 tal-Kap 9.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 184 u 188 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat George Barbara hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih taht l-Artikoli 183, 184 u 188 tal-Kap. 9 kif dedotti kontrih u bl-applikazzoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il (18) mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------